**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**DR. DAVID FABRI**
**DR. ANTOINE NAUDI**

**Illum 6 ta' Lulju 2017**

**Rikors Numru 15/2017**

**Vincent Carabott**

**Vs**

**Ministeru ta' l-Edukazzjoni u x-Xoghol u l-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Ghalliema f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Vincent Carabott**ipprezentat fl-14 ta' Frar 2017 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:-

*"Illi permezz ta' l-ittra datata 7 ta' Frar 2017 (Dok A) il-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Ghalliema f'Malta informa r-rikorrenti li l-warrant tieghu ta' ghalliem kien qed jigi imhassar b'effett immedjat u dan a bazi ta' l-Artikolu 30(1)(a) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap 327) u dan minhabba l-fatt li skond is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tas-27 ta' Ottubru 2016, ir-rikorrent kien hati "talli nhar it-8 ta' Jannar 2015, gewwa l-bini tal-Qorti ta' Malta, fil-Belt Valletta u f'dawn il-Gzejjer, ingurja jew hedded lill-Imhallef Dr Abigail Lofaro LL.D. waqt li taghmel jew minhabba li tkun ghamlet id-dmirijiet taghha jew bil-hsieb li jbezzaghha inkella li jinfluwixxi fuqha kontra l-ligi fid-dmirijiet tal-kariga taghha ....", kif ukoll multa ta' elf u mitejn Euro (€1,200). Il-Qorti kkonfermat il-piena ta' tnax-il xahar prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal zmien sentejn (2) (Dok B);*

*Illi jidher car li r-rikorrenti inghata piena karcerarja ta' 12-il xahar b'hekk mhux aktar minn sena u bhala rizultat l-Artikolu 30(1)(a) ma kellhiex tigi applikata fil-konfront tar-rikorrenti;*

*Illi barra minhekk jidher car li sad-data ta' l-ittra l-Ministru ma kienx ghamel l-avviz fil-Gazetta tal-Gvern, kif mitlub minn Artikolu 30(2) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni. B'hekk dan l-artikolu jirrikjedi li sabiex it-thassir ta' warrant isehh ikun hemm zewg avvizi wiehed mill-Ministru fil-Gazetta tal-Gvern u iehor mill-Kunsill intimat lir-rikorrenti. Jidher li l-procedura stipulata mill-artikolu ma kienx gie konkluz bl-avviz mill-Ministru;*

*Ghaldaqstant, ir-Rikorrenti jitlob lil dan it-Tribubal sabiex jirrevoka d-decizzjoni ghat-thassir tal-warrant tieghu kif espressa fl-ittra tas-7 ta' Frar 2017, bl-ispejjes kontra l-intimat."*

Ra r-risposta **tal-intimati**ipprezentata fit-13 ta' Marzu 2017 li permezz taghha eccepew is-segwenti:-

"

1. *Illi preliminarjament, l-esponenti jecepixxu illi t-terminu biex tigi pprezentata risposta qatt ma beda jidekorri stante illi r-rikorrent ma harig notifika fil-konfront tal-Avukat Generali u dan kollhu ai termini tal-Artikolu 181B (3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Illi l-esponenti jeċċepixxu n-nullità tar-rikors promotur stante li ma saritx id-debita interpellazzjoni hekk kif meħtieġ ad validitatem a tenur tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Eccezzjonijiet fil-Mertu*

1. *Illi permezz ta' l-ittra datata ta' 7 ta' Frar 2017, l-esponent Kunsill dwar il-Professjoni tal-Ghalliema f'Malta informat lir-rikorrenti kien qed jigi imhassar b'effett immedjat u dan a bazi ta' l-Artikolu 30 (1) (a) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap 327 tal-ligijiet ta' Malta) u dan minhabba l-fatt li skont is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tas-27 ta' Ottubru 2016 fl-isimijiet* ***"Il-Pulizja Spettur Sylvana Briffa Vs Vincent – Martin Carabott" (appell numru 459/2015)****, ir-rikorrent instab hati ta' offiza ai termini tal-artikolu 93 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn giet ikkonfermata il-piena ghal hlas ta' multa ta' elf u mitejn Ewro (1,200) u piena ta' tnax il-xahar prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal zmien sentejn (2);*

2. *Illi d-delitt ta' liema r-rikorrent instab hati, specifikament l-artikolu 93(1) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta igorr piena ta' aktar minn sena prigunerija:*

   *Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta:*
   *93.(1) Kull min jinġurja jew ihedded imħallef, jew l-Avukat Ġenerali, jew maġistrat, jew ġurat, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel id-*

*dmirijiet tiegħu, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu inkella li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fid-dmirijiet tal-kariga tiegħu, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn* ***disa' sa tmintax-il xahar u għal multa ta' mhux inqas minn ħames mitt euro (500) u mhux iżjed minn elf u ħames mitt euro (1,500) (Sottolinjar tal-esponenti)***

3. *Illi ghalhekk l-artikolu 30 (1) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni gie pjenament sodisfatt stante illi dak illi jirrikjedi dak l-artikolu huwa li d-delitt igorr piena ta' aktar minn tnax il-xahar (12) prigunerija u mhux il-piena li effetivament tinghata lill-akkuzat;*

4. *Illi fir-rigward tal-avviz relattiv abbazi tal-artikolu 30(2) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni, dan l-avviz inhareg fid- 28 ta' Frar 2017 fil-gazzetta tal-Gvern liema kopja tal-estratt tal-gazzetta tal-gvern Nru./No. 19,733 qieghda tigi annessa u mmarkata hawnhekk bhala Dok 'ME 1'*

5. *Illi kif gia inghad, ir-rikorrenti gie mgharraf bid-decizjoni tal-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Ghalliema f'Malta permezz tal-ittra datata 7 ta' Frar 2017 u ghaldaqstant il-Kunsill certament ikkomunika id-decizjoni tieghu lill-persuna skwalifikata;*

6. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-hrug ta' avviz o meno abbazi tal-artikolu 30 (2) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni m'huwiex rekwizit ad validitatem sabiex ir-revoka jew thassir ta' tali warrant treggi;*

7. *Illi ghalhekk il-hrug o meno tal-avvizi surreferiti ma jimpingux fuq it-thassir tal-istess warrant;*

8. *Illi ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

9. *Illi ghar-ragunijiet suesposti u kif ha jigi trattat fil-mori ta din il-kawza, l-esponenti certament idderigaw ruhom b'd mod korett meta hadu id-decizjoni mertu ta' din il-kawza u ghaldaqstant tali decizjoni ghandha tigi kkonfermata minn din l-Onorabbli Qorti;*

   *Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq premessi u ohrajn li jistghu jingiebu fil-mori ta' din il-kawza l-esponenti qieghdin bl-akbar rispett jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talbiet tar-rikorrent fl-intier taghhom bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent."*

Ra illi permezz tat-tieni eccezzjoni taghhom l-intimati eccepew illi r-rikors huwa null stante li ma saritx id-debita interpellazzjoni a tenur tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, liema eccezzjoni, fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal, ghandha tigi trattata b'mod preliminari;

Ra in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet dwar l-istess eccezzjoni.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Kunsill intimat datata 7 ta' Frar 2017 li permezz taghha gie mgharraf li l-*warrant* tieghu ta' ghalliem gie imhassar b'effett immedjat a bazi ta' l-Artikolu 30 (1) (a) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kapitolu 327). Ir-raguni li nghatat lir-rikorrent ghal tali thassir kienet sentenza li nghatat fil-konfront tieghu fis-27 ta' Ottubru 2016 mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fejn gie kkundannat multa ta' elf u mitejn ewro (€1200) u tnax-il xahar prigunerija sospizi ghal zmien sentejn.

**Ikkunsidra:**

Illi permezz tat-tieni eccezzjoni taghhom l-intimati qeghdin jeccepixxu illi qabel ma gie intavolat dan ir-rikors, ir-rikorrent kellu jaderixxi ruhu mar-rekwiziti tal-artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid is-segwenti:-

*"1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2), ebda att ġudizzjarju li bih jinbdew xi proċedimenti ma jista' jiġi ppreżentat, u ebda proċedimenti ma jistgħu jittieħdu jew jinbdew, uebda mandat ma jista' jiġi mitlub, kontra l-Gvern, jew kontra xi awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni, barra mill-Kummissjoni Elettorali, jew kontra xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kwalità uffiċjali tagħha, ħlief wara li jgħaddu għaxart ijiem min-notifika kontra l-Gvern jew dik l-awtorità jew persuna kif intqal qabel, ta' ittra uffiċjali jew ta' protest li fih il-pretensjoni jew it-talba tiġi mfissra b'mod ċar.*

*(2) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1)* ***ma japplikawx*** *-*
*(a) għal azzjonijiet għal rimedju taħt l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni; jew*
*(b) għal mandati ta' inibizzjoni; jew*
*(ċ) għal azzjonijiet għall-korrezzjoni ta' atti tal-istatċivili; jew*
*(d) għal azzjonijiet li għandhom jinstemgħu bl-urġenza;*
*(e) għal riferenzi ta' tilwimiet għall-arbitraġġ,*

*u* ***meta skont id-disposizzjonijiet ta' xi liġi għandha tiġi mħarsa proċedura partikolari, magħdud terminu jew żmien ieħor, id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) m'għandhomx japplikaw u l-imsemmija proċedura, magħdud kull terminu jew żmien ieħor, għandha tapplika u tiġi mħarsa minflokhom.***[1]

*(3) Kawżi kontra l-Gvern li dwarhom ikun hemm fis-seħħ mandat ta' inibizzjoni għandhom jinstemgħu mill-Qorti b'urġenzau bi preferenza għal kawżi oħra."*

[1] Enfasi tat-Tribunal

Illi fis-sentenza fl-ismijiet ***Emanuel Bugeja vs Mary Rose Bugeja et***[2] il-Qorti qalet: *"Illi l-imsemmi artikolu huwa privilegg procedurali moghti lill-Gvern f`kawzi li fihom ikun imharrek u gie mfisser bhala regola ta` ordni pubbliku, u japplika ghal kull ghamla ta` att gudizzjarju li bih jinbdew procedimenti kontra l-Gvern... Illi l-imsemmi privilegg, jekk ma jitharisx, iwassal ghan-nullita` ta` l-azzjoni li tkun ittiehdet bi ksur tieghu."* L-imsemmi artikolu jimponi wkoll doveri fuq ir-Registratur. Infatti fis-sentenza tal-Qorti ta` l-Appell (Sede Inferjuri) tal-10 ta` April 2003 fl-ismijiet ***Salvatore Ellis et noe vs Il-Kontrollur tad-Dwana*** ntqal: *"Huwa desumibbli mill-artikolu appena citat illi l-ligi tirrikjedi tassattivament il-prezentata ta` ittra ufficjali jew ta` protest. Mhux hekk biss pero` ghax l-istess dispost jissokta jghid illi r-Registratur ghandu jirrifjuta li jircievi l-att gudizzjarju jew dokument iehor li jigi pprezentat fir-Registru kontra d-disposizzjonijiet ta` dan l-artikolu. Fuq dan l-ahhar punt tajjeb li jinghad illi kif akkolt fil-gurisprudenza anke f`kaz illi r-Registratur ikun ippermetta l-prezentata tac-citazzjoni l-istess ma tistax tissana n-nullita` imposta mil-ligi."*

Illi skond in-nota ipprezentata mill-intimati, dan it-Tribunal ta sentenzi konfliggenti in kwantu fis-sentenza ***Alfred Buttigieg vs Bord tal-Professjoni tal-Inginerija***[3] irrileva li li persuna aggravata m'ghandhiex bzonn tipprocedi b'att gudizzjarju qabel tipprezenta l-appell taghha filwaqt li fis-sentenza ***Marie Paule Wagner et vs Ministeru Ghall-Energija u l-Konservazzjoni tal-Ilma***[4] cahad eccezzjoni tal-Ministeru intimat dwar il-fatt li ma kienx gie intavolat att gudizzjarju qabel gie intavolat l-appell. Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi tali inkonsistenza ma tezisitix in kwantu fit-tieni kawza citata it-Tribunal ha konjizzjoni tal-istess eccezzjoni u in vista li rrizultalu li fil-fatt kien gie pprezentat att gudizzjarju kontra l-istess Ministeru cahad l-eccezzjoni. It-Tribunal bl-ebda mod ma ddecieda li tali att gudizzjarju kien tassattiv biex ir-rikorrenti jintavolaw appell mid-decizjoni tal-Ministeru.

Illi fl-istess nota, l-intimati jaghmlu referenza ghal diversi sentenzi tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili li jsostnu li huwa tassattiv li tigi pprezentata ittra ufficjali jew protest gudizzjarju qabel jigu intavolati proceduri **fir-Registru tal-Qorti**[5] kontra l-Gvern jew entita` pubblika. Illi t-Tribunal jirrileva illi l-appelli quddiemu ma jigux ipprezentati fir-registru tal-Qorti izda jigu ipprezentat f'Registru *ad hoc,* u cioe`, r-Registru tat-

[2] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta` Gunju 2003
[3] Deciza fis-16 ta' Dicembru 2016
[4] Deciza fit-30 ta' Settembru 2014
[5] Enfasi tat-Tribunal

Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva, fejn ai termini ta' artikolu 15 (2) tal-Kapitolu 490 ghandhom jigu pprezentati r-rikorsi ta' appell.

Illi apparti li l-appelli quddiem dan it-Tribunal ma jigux ipprezentati fir-Registru tal-Qorti,skond l-istess sub-inciz (2) tal-artikolu 460, ir-rekwizit ta' att gudizzjarju jigi dispensat meta ghandha tigi mharsa procedura partikolari jew terminu jew zmien iehor taht xi ligi ohra. Illi dan l-appell huwa regolat kemm bil-Kapitolu 490 (Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva) u kemm bil-Kapitolu 327 (Att Dwar l-Edukazzjoni).

Infatti artikolu 32 (1) tal-Kapitolu 327 jghid is-segwenti:-

*"32. (1) Kull persuna li tħossha aggravata b'deċiżjoni tal-Ministru, li jkun iddeċieda skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill, li biha jiċħad talba għal warrant, jew meta ma tkunx ġiet notifikata lill-applikant id-deċiżjoni fiż-żmien stabbilit fl-artikolu 29, jew li biha jiġi sospiż jew imħassar warrant, taħt id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima, tista',* ***fi żmien wieħed u għoxrin jum*** *mill-avviż li jingħata lill-Ministru, tappella lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva u xi regolamenti applikabbli magħmula taħtu."*

Illi artikolu 15 tal-Kapitolu 490 jelenka l-procedura li ghandha ssir biex persuna aggravata tipprezenta l-appell taghha

*"(1) Id-disposizzjonijiet tal-artikoli 21, 22 u 23 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili għandhom japplikaw għat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva.*

*(2) Il-proċedimenti fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandhom jibdew bil-preżentata ta' rikors. Ir-rikorrent għandu jippreżenta rikors fir-Reġistru tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva...."*

Illi, ghalhekk, jirrizulta illi fejn il-legislatur hass li xi provvediment tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghandhom ikunu tassattivament applikabbli ghall-procedimenti quddiem dan it-Tribunal, dan gie mnizzel espressament fil-Kapitolu 490. Illi ghalhekk, it-Tribunal huwa tal-fehma illi t-termini u l-kundizzjonijiet dwar kif isir appell minn decizjoni amministrattiva, u li dwarha jkollu gurisdizzjoni dan it-Tribunal, huma stabbilit b'mod mill-iktar car fil-ligi li taghti gurisdizzjoni lil dan it-Tribunal jisma' tali appelli. Illi kieku kellu jigi interpretat illi artikolu 460 tal-Kapitolu 12 japplika ghall-appelli quddiem dan it-Tribunal, zgur li hafna mill-appelli jigu intavolati *fuori termine* u dan ghaliex bejn li wiehed jircievi d-decizjoni, jikkonsulta ma' avukat, jigi intavolat l-att gudizzjarju, jigi notifikat lill-entita' pubblika rispettiva u jghaddu ghaxart ijiem qabel ikun jista' jipprocedi, certament it-terminu tal-appell ikun tnaqqar bil-kbir jew addirittura qabez ghal kollox.

Illi finalment, in sostenn ta' dan kollu, it-Tribunal jaghmel referenza ghad-decizjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet ***Vincent Ciliberti vs ir-Registratur tal-Qorti et***[6] fejn gie trattat jekk kienx hemm htiega li tigi segwita l-procedura ai termini tal-artikolu 460 tal-Kapitolu 12 f'kawza ta' impunjazzjoni ta' taxxa gudizzjarja. Illi l-Qorti, fost affarijiet ohra, qalet illi *"Illi dwar l-eccezzjoni mqajjma mill-intimati Cauchi kemm fir-risposta tal-intimata Gemma Cauchi u kemm fir-risposta ulterjuri ta' Philip Cauchi u din a bazi tal-**artikolu 460 tal-Kap 12** jinghad li din il-Qorti hija tal-opinjoni li tali eccezzjoni ma tispettax lill-istess intimati Cauchi u dan peress li huma ma humiex wiehed mill-entitajiet indikati fl-imsemmi artikolu. Se mai tali eccezzjoni kienet tispetta lill-intimat Direttur, Qrati Civili u Tribunali, izda l-istess Direttur qatt ma qajjem din l-eccezzjoni; izda jinghad ukoll li kieku sar dan, jidher li la darba il-procedura kif issir appell minn taxxa ta' perit tekniku hija stabbilita skont l-artikolu **667 tal-Kap. 12**, din l-eccezzjoni kieku mressqa mid-Direttur kienet tigi michuda abbazi ta' dak provdut fl-ahhar parti tal-**artikolu 460 (2)** proprju peress li l-ligi bl-**artikolu 667** tipprovdi ghall-procedura partikolari kif tigi attakkata taxxa tad-drittijiet ta' periti legali u/jew teknici.*

*Illi f'dan il-kuntest jinghad li l-gurisprudenza citata mill-intimati Cauchi fejn qed jikkontendu li huma xorta wahda jistghu jibbenifikaw minn tali disposizzjoni, jinghad li fi kwalunkwe kaz l-istess kazistika tirreferi ghall-kazijiet fejn tali procedura hija tenuta bhala necessarja ghaliex ma taqax taht wahda mill-eccezzjonijiet provduti fl-**artikolu 460 (2).** Ghalhekk tali sentenzi citati jirreferu ghall-kazijiet ben differenti minn dak mertu tal-kaz odjern u dan proprju ghaliex f'dan il-kaz tali procedura u interpellazzjoni indikata mill-intimati ma hijiex necessarja, ghaliex hawn il-ligi stess f'kaz ta' kontestazzjonijiet ta' taxxa tad-drittijiet ta' perit tekniku tipprovdi ghall-procedura kif il-partijiet (jew il-perit tekniku) jistghu ifittxu rimedju (**artikolu 667**), procedura li ma gietx uzata mill-intimati nfushom. Ghalhekk fil-kaz odjern hemm procedura partikolari disponibbli ghal kull min kien interessat f'dik it-taxxa li facilment setghet tigi segwita mill-intimati odjerni, liema procedura kienet ukoll timponi kif u terminu meta ghandha ssir, kollox kif inghad f'din id-decizjoni, b'dan li allura jsegwi li tali procedura tissodisfa ir-rekwiziti tal-ahhar paragrafu tal-**artikolu 460 (2)** tal-Kap. 12 gja citat f'din id-decizjoni, u b'hekk dan ifisser li ma kienx hemm bzonn li ssir interpellazzjoni msemmija mill-istess intimati Cauchi. Illi ghalhekk kemm it-tielet eccezzjoni ta' Gemma Cauchi, u kif ukoll ir-risposta ulterjuri ta' Philip Cauchi qed jigu michuda."*

Illi t-Tribunal jabbraccja dan l-insenjament u huwa tal-fehma li dak appena citat japplika wkoll ghall-procedimenti specjali quddiemu u ghalhekk huwa tal-fehma illi t-tieni eccezzjoni tal-intimati mhix gustifikata.

---

[6] Deciza fit-28 ta' Ottubru 2010

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-tieni eccezzjoni tal-intimati u jordna l-prosegwiment tas-smiegh tar-rikors.

Bl-ispejjez a karigu tal-intimati.

___________________________________
**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**